FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

30 ta' Frar 2014

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tad-Disgha u Ghoxrin (29) laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah id-Disgha u Ghoxrin (29) Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Erbgha 12 ta' Frar 2014 fil-5.30pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Nuqqas t'attendenza mill-Vici Sindku Matthew Paris
10. Approvazzjoni ta` l-Estimi Annwali 2014
11. Evalwazzjoni ta` Offerta - Cleaning of Council's Office
12. Hrug ta` Offerta tal-Gabbana tac-Centru Rikreattiv Re Gorg V
13. Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
14. *White paper* dwar is-Sistema tal-Gwardjani Lokali
15. Fanali fil-masgar ta' Pjazza Emanuel S. Tonna
16. Dawl mal-faccata ta' Dar il-Kunsill Lokali Floriana
17. Fanali Ornamentali fi Pjazza San Publju
18. Fondi mill-Unjoni Ewropeja
19. Monument ta` Ferrovija
20. Fosos *Hall of Fame*
21. St Patrick's Day
22. Parkeggi
23. Bankini u Asfaltar Balzunetta
24. Jum il-Floriana
25. Isle of MTV
26. Aggornament tal-Laqgha

Ghad-Disgha u Ghoxrin (29) laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Matthew Paris, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tat-tmienja u ghoxrin (28) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 15.4 li ghandha taqra "Il-Vici Sindku Matthew Paris flimkien mal-Kunsillier Vincent Borg..."

1.3 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.5 (28) u saqsa jekk kienx hemm xi progress. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li d-dawl tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V kien gie rrangat.

2.2 Il-Vici Sindku qal li kellu xi lmenti li l-picc iz-zghir kien qed ikun mitfi minhabba problema fid-dawl u ghalhekk kien qed jintuza l-picc-il kbir mill-Akkademja ta' Justin Haber b'konsegwenza li t-tfal ma kienx qed ikollhom fejn jilghabu. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dan kien minnu u qal li flimkien mal-inginier kienu saru xi testijiet fuq id-dawl fejn irrizulta li l-fault kien gej mill-meter tal-Enemalta. Is-Segretarju Ezekuttiv zied jghid li issa l-problema kienet giet solvuta.

2.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk kienx minnu li kienu ntfew xi bozoz apposta mill-gonna. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu kien informat li l-kuntrattur responsabbli mill-gonna kien tefa' parti zghira mill-Gnien minhabba l-problema tad-dawl, izda kkonferma li ma kien ta l-ebda struzzjoni biex jintfew xi bozoz ohra apposta.

2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-bookbox li twahhlet ricentement u saqsa meta kienu ser jitwahhlu l-ixkafef tal-bookbox. Is-Sindku zied jghid li kien hemm min ilmenta rigward il-lokazzjoni ta' fejn twahhlet il-bookbox. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-ilmenti kienu minhabba li din kienet twahhlet bejn zewg bankijiet. Il-Vici Sindku qal li l-post kien intaghzel b'mod specifiku minhabba li kien post li jintlahaq sew mill-kameras tas-CCTV u anke biex il-bankijiet li hemm magenbha iservu ta' reading area.

2.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.2 (28) u nforma li kien talab lill-Pulizija sabiex jekk waqt li jkunu qed jaghmlu r-ronda taghhom, jinnotaw il-bibien tal-gonna miftuhin wara d-9.30pm, huma ghandhom jirraportaw lill-Kunsill. Is-Sindku qal li hu jhoss li l-Kunsill ghandu jinforma lill-kuntrattur responsabbli mill-ftuh u l-gheluq tal-gonna b'din id-direttiva. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

2.5.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li l-bibien tal-gonna kienu miftuhin is-Sibt ta' qabel filghaxija.

2.5.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu kellu rapport mill-pulizija li kien hemm individwu li espona ruhu b'mod indicenti fil-gnien.

2.5.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet giet informata li kien hemm individwi li kienu qed jaqdu l-bzonnijiet taghhom fil-fliexken u wara jarmuhom fil-gnien.

2.5.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-Pulizija b'dawn l-ilmenti sabiex tkun tista' tizdied ir-ronda fil-hinijiet irraportati.

2.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.5 (28) u saqsa ghalfejn ma kienux tnehhew id-dokumenti minkejja li l-Kunsill kien ha decizjoni li dawn ghandhom jitnehhew. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li hu kien informa lir-Regjun Xlokk u ma hax risposta. Il-Kunsill qabel li jekk dawn id-dokumenti huma ta' kontravvenzjonijiet li hargu wara Settembru tal-2011, allura ghandhom jintbaghtu lir-Regjun Xlokk.

2.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.13 (28) u qal li kien innota li l-Profs. Oliver Friggieri ma kienx prezenti ghar-Riceviment Annwali. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li probabilment, il-Professur ma kienx lehaq prepara l-kotba minhabba li kien innota li l-ittra giet mibghuta tard. Is-Sindku qal li l-prezentazzjoni tal-kotba jaf issir f'Jum il-Floriana bhalma gieli sar.

2.8 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 4.2 (28) u saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-Kunsill kien ghaddej minn proceduri legali u ghalhekk wiehed kien irid jistenna li l-affarijiet jiehdu l-kors taghhom.

2.9 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 5.1 (28) u saqsa jekk il-minuti tas-sottokumitat kienux gew iccirkolati lill-kunsillieri. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb fil-pozittiv.

2.10 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 4.1 (28) u saqsa jekk kienx hemm xi twegiba minghand il-Kummissarju tal-Pulizija rigward l-ilment imressaq mill-Kunsill dwar il-hmieg taz-zwiemel li thalla fi Triq Sant'Anna. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li s'issa ma kien ircieva l-ebda risposta.

2.11 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 4.6 (28) u nforma li kienet ser issir applikazzjoni fejn kien ipprovda lista ta' toroq, indikazzjoni ta' fejn kienu ser jitwahhlu l-bollards kif ukoll dettalji relevanti ohra bhat-tip ta' gebla fil-bankina, ecc. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu kien jinsab sodisfatt hafna bix-xoghol u l-efficjenza tal-Perit.

## 3.0 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>

3.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Perit Chris Mintoff fejn qal li jemmen hafna fil-progett tal-ferrovija u offra li jhallas it-tariffi tal-MEPA hu stess jekk il-Kunsill jippermettielu li jiehu l-progett f'idejh.

3.1.1 Il-Vici Sindku qal ukoll li hu jinsab entuzjast hafna dwar dan il-progett li kien ippropona izda fl-istess hin kien jinsab imhasseb jekk il-Kunsill kienx f'pozizzjoni finanzjarja li jwettqu

3.1.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien wasal iz-zmien li l-Kunsill jahdem iktar fuq sponsorships sabiex ikun jista' jwettaq il-progetti li jkun approva.

3.1.3 Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni ghall-fatt li l-Kunsill kien impjega Perit gdid.

3.1.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi mal-Perit Chris Mintoff ladarba dan il-progett kien beda fi zmienu u anke minhabba li d-dizinji kienu saru minnu.

3.1.5 Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-Perit Chris Mintoff li d-decizjoni mehuda f'nru 3.1.5 ser tkun suggett ghall-kundizzjoni li f'kaz li l-Kunsill jiddeciedi li ma jaghmilx dan il-progett, il-Perit Mintoff ma jkunx jista' jitlob it-tariffi ghall-hidma tieghu.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-kompjuters li l-Kunsill ghandu ghad-dispozizzjoni tal-pubbliku u qal li dawn ma kienux qed jahdmu kif suppost. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li hu kien tal-impressjoni li kienu qed jahdmu izda ser jivverifika. Is-Sindku semma wkoll li l-kompjuter tieghu kien *slow* u anke l-konnessjoni mal-internet kienet iddum hafna. Is-Segretarju

Ezekuttiv qal li l-internet tal-kompjuters tal-amministrazzjoni kienu kollha fl-istess sitwazzjoni minhabba li dawn kienu mqabbdin ma' konnessjoni tal-gvern centrali provduta mill-MITA.

3.3 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li hu kien ressaq l-applikazzjoni tal-Kunsill ghas-sistema tal-*live streaming* lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li irrizulta li l-kuntrattur suggerit mill-Kunsill ma kienx tajjeb minhabba li ma kienx jilhaq l-ispecifikazzjonijiet kollha. Ghalhekk id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kien issuggerixxa li l-Kunsill jaghzel offerent iehor. Is-Segretarju Ezekuttiv zied jghid ukoll li hu kien talab feedback lil xi kunsilli lokali ohra kif ukoll talab estensjoni lid-Dipartiment izda kien ghadu qed jistenna risposta.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Segretarjat Parlamentari ghad-Drittijiet ta Persuna ta' Disabilita u Anzjanita' Attiva, fejn informaw lill-Kunsill dwar il-Premju A+ Accessibility Award – premju li jinghata lil-lokalita' li taghmel l-ahjar progett sabiex theggeg l-accessibbilta' ghall-persuni b'dizabbilta' fil-lokalita'. Is-Sindku zied jghid li l-minimu kien ta' €3000 kull progett u li l-progett jista' jsir ukoll bi shubija ma' diversi entitajiet lokali jew non governattivi. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu ftit taz-zmien sabiex jahseb fi progetti ideali, u jigi diskuss.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand rapprezentant tal-National Events Joint Venture fejn talab li jinghata esklussivita' ghall-bejgh ta' ikel u xorb matul il-festival tan-nar tal-ajru. Il-Kunsill qabel li ghandu jiltaqa' mas-Sinjur sabiex tigu diskussa din il-materja.

3.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ilment minghand St Thomas Institute fejn gibdu l-attenzjoni tal-Kunsill ghal xi linji sofor li kienu saru u li setghu gew evitati. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier responsabbli mix-xogholijiet tat-toroq ghandu jinvestiga u jara jekk hemmx lok li jitnehhew xi linji sofor.

3.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Kazin tal-Banda Vilhena fejn offrew lill-Kunsill sabiex jiehu sehem il-pubblikazzjoni ta' ktieb. Il-Kunsill qabel li l spejjez ta mhux aktar minn €300.

3.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Ufficcju Parrokkjali fejn offrew lill-Kunsill sabiex jirriklama fil-programm tal-festa. Is-Sindku ppropona li jsir biss ir-riklam ghall-ammont li ma jeccediex dak tas-sena l-ohra. Il-Vici Sindku qal li hu ma jaqbilx li jsir biss l-awgurju u qal li jhoss li taghmel iktar sens jekk il-Kunsill jirreklama xi attivita' minn tieghu. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li tahseb li l-ammont ta' €326 ghal reklam huwa ghali hafna specjalment meta kkumparat ma' pubblikazzjonijiet ohra bhal per ezempju dik tal-iskola fejn l-istess reklam jammonta ghal €150. Minkejja dan, il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel reklam ghal attivita' u li taht isir l-awgurju ghall-festa, bil-kundizzjoni li l-ammont ma jeccediex dak tas-sena l-ohra.

3.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Ufficcju Parrokkjali fejn offrew li l-Kunsill jippartecipa fl-armar tal-festa. Il-Kunsill qabel li jippartecipa sa massimu ta' €120

3.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Dimbros Ltd. fejn kien talab li jaghmel uzu minn vettura bir-registrazzjoni HBC449 ghas-servizzi ta gbir ta skart goff.

3.10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li hu kien bat lil Transport Malta sabiex jikkonfermaw li l-Vettura hija Euro V, skond dokument sottomess minn Dimbros Ltd. izda kien ghad ma kellux risposta minghand il-persuna responsabbli minn dawn id-dokumenti.

3.10.2 Il-Vici Sindku ppropona li l-Kunsill ghandu jinforma lill-kuntrattur sabiex nel frattemp jopera b'dawk il-vetturi li suppost jopera bihom. Il-Kunsill qabel.

3.10.3 Il-Kunsill qabel li f'kaz li d-dokumenti jkunu kkonfermati, ghandu jinforma lill-kuntrattur b'dan u ghalhekk it-talba tieghu tigi milqugha.

3.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-iSkola Primarja fejn offrew lill-Kunsill jirreklama fil-pubblikazzjoni taghhom ghall-prezz ta' €150. Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jirreklama s-servizzi tieghu bhal kirjiet ta facilitajiet jew bejght ta pubblikazzjonijiet. Il-Kunsill qabel maz-zewg proposti,

3.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Segretarju tal-iStreet Naming Committee fejn talbu lill-Kunsill jibghatilhom lista ta' ismijiet tat-toroq li l-Kunsill jixtieq ibiddel. Il-Kunsill qabel li ghandu jibghatilhom l-istess lista li kien bat precedentement. Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jivverifika jekk il-Kunsill kellux xi fajl bil-korrispondenza rigward l-ismijiet tat-toroq. Rigward proposti godda suggerieti, is-Sindku qal li kellu jahdem fuqha u jiccirkola lista ta' proposti lill-kunsillieri.

3.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Segretarju Generali tan-Nature Trust fejn ipproponew li tittella' attivita' konguntament mal-Kunsill biex jizdied l-gharfien fuq il-konservazzjoni tal-energija. Il-Kunsill qabel li ghandu jiltaqa' mal-ghaqda sabiex ikunu jistghu jigu diskussi ahjar il-proposti taghhom.

3.14 Is-Sindku ressaq ukoll korrispondenza mis-Supretendent tad-distrett rigward rapport ta' zewg persuni li esponew ruhhom b'mod indicenti waqt li l-gonna kienu miftuhin.

3.14.1 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li dan ir-rapport kien sar wara l-hin li suppost inghalqu l-gonna u qal li ghalhekk dan ifisser li l-bibien tal-gonna ma kienux gew maghluqin skont il-kuntratt.

3.14.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet ghamlet riferenza ghar-rapport li ghaddiet precedentement fejn qalet li l-gnien kien miftuh fl-10.30pm nhar is-Sibt 8 ta' Frar 2014.

3.14.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li jekk qed jerga' jkun hemm rapporti, ghandha titressaq proposta sabiex il-kuntrattur jigi mmultat ghal dawn in-nuqqasijiet.

3.14.4 Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu jimmulta lill-kuntrattur darbtejn ghal dawn iz-zewg nuqqasijiet.

3.15 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata minn Donna Malta fejn ipproponew lill-Kunsill sabiex jorganizzaw attivita' konguntament mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li kopja tal-korrispondenza ghandha tintbaghat lill-ufficcju. Il-Kunsill qabel ukoll mal-proposta bil-kundizzjoni li jinkisbu l-permessi kollha necessarji bil-ligi.

3.16 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata wkoll mill-Oklahoma Bar fejn informaw lill-Kunsill li kienu ser jorganizzaw tournament li matulu kienu ser jiehdu sehem il-Floriana Ajax. Is-Sindku qal li din il-materja kienet dwar il-korrispondenza u ghalhekk talab li ghandha tintbaght korrispondenza ufficjali sabiex tkun tista' tigi diskussa kif suppost mill-Kunsill.

## 4.0 <u>Mistoqsijiet lis-Sindku</u>

4.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-materji legali li l-Kunsill kellu pendenti u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi.

4.1.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-kwerela li l-Kunsill kellu ma' DJS Trading u nforma li hu kien kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija izda kien ghadu ma rcieviex risposta.

4.1.2 Rigward l-arbitragg ta' Justin Attard, is-Sindku nforma li kien gie appuntat arbitru

komuni u ghalhekk issa l-Kunsill kien qed jistenna risposta.

4.1.3 Rigward l-appell tat-tender minn Dr Malcolm Mifsud, is-Sindku qal li l-Kunsill kien deher quddiem il-bord tal-appell tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u issa kien qed jistenna kopja tas-sentenza.

4.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa lis-Sindku jekk il-Kunsill kellux il-hsieb li jaghmel quddiesa dakinhar tal-anniversarju tal-mewt tal-ex Kunsillier Anthony Brincat. Is-Sindku wiegeb li ma kien hemm l-ebda hsieb sa dakinhar. Il-Kunsill qabel li ghandu jorganizza quddiesa wahda f'Novembru ghall-memorja tal-kunsillieri kollha tal-Kunsill Lokali Floriana li kienu hallew din id-dinja.

4.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li hu kien ser jaghmel quddiesa f'ismu nhar l-24 ta' Marzu 2014 fl-okkazzjoni ta' sena minn jum il-mewt tal-ex Kunsillier Brincat.

4.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa lis-Sindku jekk kinietx ittiehdet azzjoni rigward il-madum li hemm quddiem il-furnar ta' Triq l-Isqof Mauro Caruana. Il-Kunsillier Edward Torpiani qal li hu kien informa lill-MEPA dwar dan. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kien hemm bzonn li l-Kunsill jesiegi li dawn jitnehhew minhabba li kien hemm lok ghall-hrug t'Enforcement Notice ghal dan in-nuqqas. Il-Kunsill qabel li il-Kunsillier Edward Torpiano ghandhu jerga' jikteb lill-MEPA sabiex tittiehed azzjoni.

4.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-materja tas-Sur Wirth u saqsa jekk kinietx ittiehdet azzjoni. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li kienet tnehhiet pjanta minn Triq is-Suq u tpoggiet x'imkien iehor. Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li l-haddiema tal-Kunsill kienu hadu planter mitluqa minn triq u wahhluha post iehor, imma giet rettifikata.

4.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li l-Floriana FC kellhom ammont ta' kurduna li ma kienux qed jaghmlu uzu minnhom u saqsa jekk il-Kunsill setax jixtrihom u johodhom il-Kunsill ghall-uzu tieghu.

4.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill ma kellux spazju fejn izommhom minhabba li kemm il-garage kif ukoll id-Dar tal-Kunsill kienu limitati.

4.6.2 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk il-Kunsill jistax juza ftit minnhom sabiex ipoggihom hdejn il-kanali minflok il-knatan li hemm magenb Bieb il-Bombi.

4.6.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jara u l-Vici Sindku Matthew Paris informa li kien ser isaqsi lis-Sur Dione Borg.

4.7 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa rigward l-attivita ta l-istrina tal-Floriana FC. Is-Sindku wiegeb li kienet ingabret is-somma ta' €425.

4.8 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-mozzjoni biex titwahhal floodlight mal-bieb tal Gnien KGVu saqsiet jekk din kinietx ser titwahhal. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb fil-pozittiv la darba giet solvuta il-problema tad-dawl.

4.9 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet innotat gwardjan lokali in partikolari bilqeghda fil-gonna ta' fuq is-sur. Il-Kunsillier Vincent Borg saqsiet meta kienu dawn l-istanzi minhabba li l-Kunsill kien talab li jmur gwardjan lokali fil-gonna wara li kienu dahlu xi ilmenti dwar il-hmieg tal-klieb li kien qed jithalla minn xi residenti. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li dawn il-kazijiet kienu graw dik il-gimgha stess u ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-kumpanija Aurelia Enforcement Ltd. b'dawn ir-rapporti.

4.10 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet lis-Sindku ghalfejn il-gwardjani lokali kienu qed jinzlu fi Triq il-Vittmi Furjanizi tal-Gwerra. Is-Sindku wiegeb li hu ma jaqbilx li dawn jinzlu hdejn il-

Valletta Waterfront. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-Aurelia Enforcement Ltd. sabiex il-gwardjani lokali ma jibqghux jinzlu iktar hemmhekk sakemm ma jkunx hemm rapporti u ghandhom jiffokaw iktar fuq iz-zona residenzjali tal-Floriana.

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-minuti tas-sottokumitat ghall-Ordni Pubbliku, Harsien tac-Cittadin u Relazzjonijiet mal-Pulizija.

5.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien jinsab kuntent hafna bil-hidma ta' dan is-sottokumitat. Huwa qal li l-membri kienu nies li kienu jaghmlu dan ix-xoghol b'mod volontarju izda kienu jahdmu hafna.

5.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li lura fiz-zmien hu kien ghamel emenda fuq stqarrija stampau saqsa jekk din kinietx harget. Is-Sindku Nigel Holland qal li l-istqarrija stampa kienet ghadha ma ntbaghtitx.

5.4 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-minuti li kien qed iressaq kienu jinkludu l-minuti tal-laqgha li saret mal-Pulizija tad-Droga kif ukoll dawk tal-minuti tal-laqgha li nzammet mas-Supretendent Alexandra Mamo. Huwa zied jghid li matul dawn il-laqghat kienu hargu xi punti u rakkomandazzjonijiet li l-Kunsill ghandu jiddiskuti sabiex ikunu jistghu jigu attwati.

5.5 Il-Kunsillier Vincent Borg informa wkoll b'xi ritratti mehuda minn membru tas-sottokumitat fosthom wire li kien ghaddej minn fuq l-art bejn fanal u iehor fi Gnien Herbert Ganado. Il-Kunsill qabel li ghandu jressaq dawn l-ilmenti lill-ELC u jinformahom ukoll li f'kaz li jigri xi incident, il-Kunsill kien ser izomm lilhom responsabbli.

5.6 Is-Sindku Nigel Holland qal li jixtieq jipproponi lis-Sur Giovanni Buttigieg sabiex jifforma parti mis-sottokumitat ghar-relazzjonijiet lokali u internazzjonali. Il-Kunsill qabel u qabel ukoll li ghandha tintbaghat ittra lis-Sur Buttigieg.

5.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk kinietx inzammet il-laqgha mas-Sur Mark Mizzi minhabba li kienet damet hafna tistenna quddiem id-Dar tal-Kunsill izda ma kien gie hadd. Is-Sindku wiegeb li l-laqgha kienet inzammet fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V u saqsa jekk kinietx giet informatha mis-Sur Mark Mizzi dwar dan. Il-Kunsilliera Sammut hili wiegbet fin-negattiv.

## 6 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport dwar il-gemellaggi. Il-Kunsill approva r-rapport b'mod unanimu.

6.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq il-pjanta tal-perit rigward ir-rionovazzjoni ta fuq, il-parti li baqa`, kif ukoll l-installazjoni ta Lift. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi bil-proposta u li jressaq l-applikazzjoni.

6.3 Is-Segretarju Ezekuttiv ghamel riferenza ghall-talba ghall-permess sabiex tintrama train tat-tfal fuq il-fosos. Huwa kompla billi qal li l-Kunsill kellu waiting list u l-applikant kien qieghed l-ewwel fil-lista. Il-Kunsill qabel li ghandu johrog permess ghal dan l-applikant fuq il-Fosos.

6.4 Il-Vici Sindku informa lill-Kunsill li kellu informazzjoni li l-permessi li qed johrog il-Kunsill Lokali Belt Valletta ghall-Karnival kienu ta' €253. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dawn il-permessi kienu qed johorgu mill-Kunsill Malti ghall-Kultura u l-Arti permezz ta` tender. Il-Kunsill qabel li ghandu jindaga dwar din il-possibilta' sabiex ikun jista' jara l-alternattivi tieghu.

**Nota: 18:45 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

6.5 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn sid ta' kiosk fejn ilmenta dwar is-sistema li biha jinhargu l-permessi mill-Kunsill.

6.5.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu ma jhossx li hu gust li l-permessi jintirtu minn sena ghall-ohra.

6.5.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li din kienet regolati mill-legislazzjoni sussidjarja 441.04.

6.5.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu ma jaqbilx li l-permessi tal-Karnival ghandhom isiru bil-polza kull sena ghax dan imur kontra l-ligi.

6.5.4 Is-Sindku qal ukoll li l-parir legali moghti lill-Kunsill dejjem kien kontra li l-permessi tal-Karnival jittellghu kull sena bil-polza u ghalhekk ihoss li ghandha tinzamm l-istess procedura li l-Kunsill ilu jadotta ghal dawn l-ahhar snin.

6.5.5 Il-Kunsill qabel li ghandu jkompli jhaddan l-istess procedura sakemm ma jkunx hemm struzzjonijiet legali li jghidu mod iehor.

## 7 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 89-05, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ghamel riferenza ghall-pagament nru 98 rigward il-book box li twahhlet ricentement u qal li dan kien gie mnaqqas skont ir-riserva tal-kuntratt dwar id-dewmien tat-tlestija tax-xoghol, hekk kif kien irrimarka il-Kunsill f'laqgha precedenti.

7.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li hu kien ser jastjeni mill-pagamenti nru 18, 24 u 57.

7.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk il-Kunsill kellux xi zvilupp rigward il-kwistjoni tal-Housing. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li hu kien bat korrispondenza izda kien ghadu qed jistenna risposta. Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien ser jitlob laqgha mac-Chief Executive-il gdid sabiex jiddiskuti din il-problema.

**Nota: 18:52 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

7.5 Is-Sindku Nigel Holland saqsa ghalfejn il-Kunsill kien ser ihallas il-big screen ladarba dan ma kienx intrama fl-attivita' ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill ma kienx qed ihallas is-somma kollha izda l-kuntrattur kien talab nofs il-prezz. Il-Kunsill qabel li ghandu jhallas nofs il-prezz ladarba l-kuntrattur xorta wahda kien inqala'.

7.6 Is-Sindku Nigel Holland saqsa rigward il-pagament dovut lill-kuntrattur Wilson Mifsud ghat-tindif wara l-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena.

7.6.1 Is-Sindku zied jghid li ma kien sar l-ebda tindif dakinhar minhabba l-maltemp u anke minhabba l-fatt li hu ma kien ra l-ebda haddiem tal-kuntrattur fuq il-post.

7.6.2 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-invoice li kienet intbaghtet kienet ghal 50% tas-

somma mitluba inizjalment.

7.6.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem mal-kuntrattur Wilson Mifsud sabiex jikkunsidra li jnaqqas is-somma mitluba ghal dan ix-xoghol ladarba ma kienx sar.

7.7 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris u ssekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 11764 sa 11890 u 39 sa 42, bir-rizultat:

Favur: 5 (MP, ET, DSH, NH, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.8 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 8 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

**29/1** – Mozzjoni sabiex jitwaqqaf fond socjali, intitolat "Floriana Social Fund", u dana permezz ta' bye-law.

L-intenzjoni tkun li kull entita` u/jew individwi jistghu jikkontribwixxu lejn dan il-*fund* permezz ta' donazzjonijiet. Sussegwentament, u wara li jitwaqqaf tali *fund* permezz ta' ligi, jigi zgurat li individwi bi bzonnijiet specjali u/jew socjali, kif ukoll ghaqdiet li jahdmu fil-Floriana jkunu jistghu jibbenefikaw minn dan il-*fund*, wara li jaghmlu t-talba taghhom, u wara li tali talba tkun approvata skont regoli fissi, hekk stabiliti mill-bye-law.

Wara u jekk tali mozzjoni tigi approvata, l-kontenut tal-bye-law terga titressaq quddiem il-kunsill ghad-diskussjoni (entru xaghrejn), u jekk ikun il-kaz ghall-approvazzjoni, tibdiel skont il-htiega, qabel din tiehu l-kors naturali taghha skont il-ligi.

Proponent – Matthew Paris ____________________
Datata – 4 ta` Frar 2014

Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li din il-proposta kienet ser isservi sabiex l-ghaqdiet u l-individwi jkunu jistghu jikkontribwixxu minn dan il-fond.

Il-Vici Sindku qal li l-idea hija li t-talbiet ghall-ghajnuna ma jibqghux isiru lill-Kunsill izda jibdew isiru direttament lil dan il-fond.

Il-Vici Sindku zied jghid ukoll li l-hsieb kien li dan il-fond ikun wiehed indipendenti mill-Kunsill u li eventwalment jekk jigi approvat, jigi mwaqqaf permezz ta' bye-law. Il-Vici Sindku qal li ghalissa kien qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill fuq dan il-principju minhabba li kien ghadu jrid jaghmel ir-ricerka biex jigi ddeterminat kif kien ser jahdem ezatt dan il-fond.

Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris favur l-approvazzjoni ta' din il-mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (MP, ET, NH, DSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**29/2 – Mozzjoni -** Sabiex jibdew minnufih diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali Pieta', dak tal-Msida, kif ukoll dak tal-Belt, sabiex titressaq proposta kongunta lill-Gvern Centrali dwar l-uzu ahjar u isbah tal-promende li jibda mill-Msida, jkompli fil-Pieta, ikompli fil-Floriana u jispicca l-Belt.

Proponent – Matthew Paris ______________________
Datata – 4 ta' Frar 2014

Il-Vici Sindku qal li l-idea kienet li l-Kunsill Lokali Floriana jinghaqda mal-Kunsill tal-Pieta', l-iMsida u dak tal-Belt Valletta sabiex flimkien iressqu proposta wahda ta' kif ghandu jsir dan il-progett.

Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris favur l-approvazzjoni ta' din il-mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (MP, ET, NH, DSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

---

**29/3 – Mozzjoni –** Sabiex il-Kunsill Lokali Floriana japplika ghall-fondi msemmija f'Memo 5/2014 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Proponent – Nigel Holland ______________________
Datata – 5 ta' Frar 2014

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega kif il-Kunsill kien ser intitolat ghal massimu ta' €1000 fis-sena sabiex il-Kunsill ikopri l-ispejjez relatati ma' dan il-progett.

Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland favur l-approvazzjoni ta' din il-mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH VB, MP, ET, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

---

## 9 Nuqqas t'attendenza mill-Vici Sindku Matthew Paris

9.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah billi qal li din il-materja kienet telghet fuq l-agenda wara li skont il-ligi, is-Sindku kien gie nformat meta gie nnotat li kien hemm ammont ta' laqghat in fila li ghalihom il-Vici Sindku kien assenti.

9.2 Il-Vici Sindku beda billi qal li l-ewwelnett, hu ma jaqbilx mat-titlu tal-materja minhabba li t-t-titlu m'huwiex veritjet u anke minhabba li l-kaz ma kienx kif qed jigi pprezentat u qal li kien hemm anke vot dwar kull darba li hu kien gie skuzat mil-laqghat li ghalihom m'attendiex.

9.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris kompla billi qal li wara li kien gie nformat li din il-materja kienet ser tittella' fuq l-agenda, huwa kien kiteb ittra lis-Sindku kif ukoll lis-Segretarju Ezekuttiv

fejn oggezzjona dwar dan u esprima l-veduti tieghu ghalfejn ma jhossx li din il-materja kellha tittella' fuq l-agenda tal-laqgha tal-Kunsill.

9.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal ukoll li hu jhoss li diga kien hemm approvazzjoni ghal din il-materja u kif ukoll minhabba l-fatt li l-vot tal-lum kien ser jiggudika lilu darbtejn fuq l-istess materja, u din tmur kontra l-ligi.

9.5 Il-Vici Sindku semma li hu ma setax jifhem it-trattament differenti tal-istess legislatura tal-Kunsill fejn il-Kunsill ma kien ha l-ebda vot dwar l-assenza mil-laqghat tal-Kunsillier Anthony Brincat minkejja li l-kaz sehh inqas minn sena ilu. Huwa qal li f'din l-istanza il-Kunsill kien qabel li l-assenza tieghu kienet gustifikata minhabba mard u li tali materja ma kinietx ittellghet fuq l-agenda tal-Kunsill. Huwa qal li ma jistax jifhem ghalfejn kienet intuzat metodologija differenti fil-kaz ta' kunsillier u metodolija differenti fil-kaz tieghu.

9.6 Il-Vici Sindku qal ukoll li hu lanqas kien ser isemmi l-fatt kif kumbinazzjoni kienu saru tliet laqghat fix-xahar meta kien imsiefer hu.

9.7 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien saqsa lis-Segretarju Ezekuttiv rigward l-assenzi tal-Kunsillier Anthony Brincat u kien gie nformat li n-numru tal-laqghat assenti ma kienux sufficenti biex tali materja tittella' fuq l-agenda.

9.8 Is-Sindku Nigel Holland qal ukoll li hu ma kienx qed isegwi l-passi tal-Vici Sindku izda kien sar jaf b'dan wara li s-Segretarju Ezekuttiv informah bil-kwistjoni, kif kien id-dmir tieghu li jaghmel.

9.9 Is-Sindku Nigel Holland qal li wara li ngibditlu l-attenzjoni, hu kien talab parir informali minn ufficjal tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn kienu kkonfermaw li din il-materja kellha titla' fuq l-agenda tal-laqgha tal-Kunsill bilfors.

9.10 Is-Sindku qal li hu ma jaqbilx mal-mod kif mexa l-Vici Sindku fejn irribatta dak li kellu jghid b'ittra. Huwa qal li l-ittra tal-Vici Sindku kien wegibha b'mod immedjatament izda jhoss li l-Vici Sindku kellu zmien bizzejjed kemm minn meta gie infurmat bl-approvazzjoni tieghu stess fuq il-materja in kwistjoni gimghat ilu kif ukoll wara li l-Vici Sindku kien bghat l-ittra imsemmija, sabiex jiccekkja dawn l-affarijiet mad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Huwa qal li kieku l-Vici Sindku gab xi konferma li tali materja ma kelliex titla' fuq l-agenda, anke wara li lehqet harget, allura hu kien ikun l-ewwel wiehed li jiehu responsabbilta' u jiskuza ruhu li l-materja am tistax titqieghed ghad-diskussjoni

9.11 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li wara dak li ser jigi deciz illum, hu kien ser ikellem lid-Dipartiment ikkoncernat izda ma hassx li kellu jaghmel dan qabel.

9.12 Is-Sindku qal ukoll li wara din il-kwistjoni, hu kien iccekkja l-minuti ta' kunsilli precedenti li matulhom kienu sehhew kazijiet simili u kkonferma li l-materja kienet inharget bl-istess titlu propost fuq l-agenda tal-laqgha ta' dakinhar. Huwa qal li l-ligi titkellem fuq assenzi u ghalhekk it-titlu tal-materja kien konformi mal-ligi.

9.13 Is-Sindku qal li hu ma jaqbilx li kunsillier ghandu jitnizzel bhala "skuzat" fil-minuti, izda hu kien infurmat li din taghmel differenza ghal-kalkolazzjoni tal-allowance tas-kunsilliera. Hu insista li f'kazijiet hekk ghandu jitnizzel bhala "talab li jkun skuzat". Huwa qal ukoll li kien ser jinsisti li min ma jkunx jista' jattendi ghandu jinforma lill-Kunsill li ma jkunx jista' jattendi minn qabel il-laqgha, u imbaghad tkun decizjoni tal-Kunsill jekk il-kunsillier ghandux jigi skuzat jew le.

9.14 Is-Sindku sostna li l-assenzi ghandhom jitilghu fuq l-agenda tal-laqgha tal-Kunsill anke minhabba l-fatt li c-cirkostanzi jistghu jinbidlu.

9.15 Il-Vici Sindku qal li hu kien qed jigbed l-attenzjoni ghall-fatt li kwistjoni simili ma kinietx tressqet fuq l-agenda taht l-istess legislatura.

9.16 Il-Vici Sindku qal ukoll li hu ma jistax jifhem kif hu kien gie avvicinat minn persuna li nformatu li kienet ser titressaq mozzjoni fil-konfront tieghu qabel ma kienet ghadha harget l-agenda.

9.17 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu ma kien iddiskuta din il-materja ma' hadd iktar hlief mas-Segretarju Ezekuttiv. Is-Sindku talab lill-Vici Sindku sabiex jekk qed jirreferi ghalih, jghid lil din il-persuna tigi quddiemu u takkuzah b'dan. Il-Vici Sindku qal li ma kienx ghadu l-waqt li jaghmel dan u li ma kienx ser jghid min qallu.

9.18 Il-Vici Sindku ghalhekk dar lejn is-Segretarju Ezekuttiv fejn saqsa jekk hu kienx iddiskuta din il-materja ma' xi hadd iehor. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li hu ma kien iddiskuta ma' hadd aktar hlief mas-Sindku u mas-Sur Silvio Frendo mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

9.19 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-ligi tistipola li ghandu jittiehed vot wara numru ta' assenzi u ghalhekk l-agenda kienet konformi mal-ligi. Is-Sindku qal li hu kien ser jitlob parir mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar x'ghandu jsir f'kazijiet futuri.

9.20 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu ma kienx qed jikkontesta li l-Ministru jigi mgharraf izda kien qed jikkontesta l-fatt li telghet fuq l-agenda u l-mod kif telghet fuq l-agenda.

9.21 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu xtaq jikkjarifika li l-parti kkwotata mill-Vici Sindku dwar l-ex Kunsillier Anthony Brincat kienet titratta d-diskussjoni dwar il-pagamenti tal-attendenza tal-laqghat u mhux l-attendenza per se.

9.22 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li fil-kaz tal-Kunsillier Brincat, l-ammont ta' laqghat li ma kienux attendew kien ta' 44%. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li f'dan il-kaz hu kellu zball genwin u lest li jammettih. Tant hu hekk li anke fir risposta tal-Management Letter hu kien baqa' jsostni li l-Kunsillier Brincat ma kienx qabez in-numru ta' laqghat restritt bil-ligi.

9.23 Il-Vici Sindku Matthew Paris gibed l-attenzjoni ghal punt iehor fejn qal li x-xahar t'Awwissu fejn hu kien imsiefer, kien l-uniku xahar li matulu din il-legislatura kienet sejjhet tliet laqghat.

9.24 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien hemm diversi kazijiet fejn hu saqsa sa meta kien ser ikun imsiefer il-Vici Sindku u hadd ma kien jaf iwiegbu. Huwa qal li ma kienx gust il-fatt li l-Kunsill ikun irid isejjah laqgha u ma jkunx jaf meta jista' jaghmilha minhabba li l-Kunsill ma jkollux dettalji ta' meta l-kunsillier ikun Malta.

9.25 Il-Vici Sindku Matthew Paris kompla jsostni li ghal kull laqgha li ghaliha kien assenti, hu kien dejjem informa li ma kienx ser ikun jista' jattendi. Huwa semma l-kaz tal-laqgha straordinarja li kienet issejjhet fir-rigward tal-Isle of MTV fejn hu kien informa lis-Segretarju Ezekuttiv li ma kienx ser ikun jista' jattendi.

9.26 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-ligi ma taghmilx differenza jekk il-kunsillier ikollux skuza valida ghalfejn m'attendiex il-laqgha izda tghid biss li jekk kunsillier ma jattendiex ghal ammont ta' laqghat, allura l-materja ghandha titressaq fuq l-agenda tal-laqgha tal-Kunsill fejn il-Kunsill jiehu decizjoni jekk l-assenzi kienux validi jew le.

9.27 Il-Kunsillier Vincent Borg qal ukoll li hu kien dejjem mexa ta' ragel anke meta l-Vici Sindku kien ha zball fil-votazzjoni tal-hatra tal-Vici Sindku fil-bidu tal-legislatura. Minkejja dan huwa qal li jekk kien sar zball fi zmien il-Kunsillier Anthony Brincat, ma jfissirx li l-izball ghandu jerga' jigi ripetut.

9.28 Is-Sindku ghamel riferenza ghall-oggezzjoni tal-Vici Sindku dwar il-mod kif inkiteb it-titlu tal-materja u qal li hu ma jaqbilx mieghu anke minhabba l-fatt li hu kien oggezzjona biss u lanqas offra alternattiva ta' x'seta' jkun it-titlu. Il-Vici Sindku wiegeb li kien ovvju li hu mhux se jaghti alternattiva ladarba hu ma jaqbilx mat-tpoggija ta' din il-materja fuq l-agenda.

9.29 Is-Sindku wiegeb li l-Vici Sindku kien imissu ha hsieb l-attendenza tal-laqghat jekk ma riedx li din il-materja titla' fuq l-agenda

9.30 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu ghandu d-dubbji tieghu li m'hemmx motivi ulterjuri wara li din il-materja tpoggiet fuq l-agenda.

9.31 Is-Sindku qal li hu kien ser jirriserva li jiccekkja l-affarijiet u jekk ikun hemm bzonn jaghti ruling fil-laqgha li gejja dwar l-insinwazzjonijiet.

9.32 Is-Sindku Nigel Holland qal lill-Vici Sindku li dawn il-motivi allegati ghandhom jigu ndikati u jekk hemm xi materji ohra, allura ghandu jiehu hsieb jindikahom. Is-Sindku qal ukoll li hu kien lest li jikkonfronta lil min qal xi haga dwaru u li jekk il-Vici Sindku kellu dubbji ohra, allura ghandu jaffaccja lill-persuni kkoncernati.

9.33 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu ma kienx qed jghid li ha jiehu azzjoni kontra n-nuqqas tas-Segretarju Ezekuttiv izda kellu kull dritt li jghid li kien inholoq precedent f'din il-legislatura ladarba l-Kunsill ma kienx mexa ma' kull kunsillier l-istess.

9.34 Il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill jirrikonoxxi r-ragunijiet ghall-assenzi tal-Vici Sindku bhala raguniiet validi minhabba impenji ta' xoghol, issekondat mill-Kunsillier Vincent Borg. Ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (ET, VB, NH, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (MP)

9.35 Il-Kunsill qabel ghalhekk li ghandu jinforma lill-Ministru dwar din id-decizjoni.

**<u>Nota: 19:46 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.</u>**

## 10 Approvazzjoni ta' l-Estimi Annwali 2014

**<u>Nota: 19:46 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet attendiet ghal-laqgha.</u>**

10.1 Is-Sindku ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Estimi Annwali ghas-sena 2014.

10.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano favur l-approvazzjoni tal-estimi annwali 2014, issekondata mill-Vici Sindku Matthew Paris, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (ET, MP, NH, DSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**Nota: 19:50 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 11 Evalwazzjoni ta` Offerta - Cleaning of Council's Office

11.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi qal li l-Kunsill kien ircieva hames offerti u pprezenta l-iskeda tal-offerenti.

**Nota: 19:53 Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**

11.2 Is-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju Ezkeuttiv jispjega s-sitwazzjoni.

11.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill kien qabel li ghandu jikkonferma mal-accountant dwar ir-rata tal-pagi. Is-Segretarju Ezekuttiv kompla billi qal li sadanittant, il-Kunsill kien talab lill-ETC ghal persuna partikolari sabiex taghmel xoghol ta cleaner. Huwa kompla billi qal li l-ETC kienu irrimarkaw li din il-persuna ma setghets tidhol f'din l-iskema.

11.4 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ghalhekk issa l-Kunsill kellu jiddeciedi jekk idahhalx lil xi hadd bi prova filwaqt li jwaqqa' t-tender jew jekk jilqax xi wahda mill-offerti.

11.5 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lil ETC ghal persuna that xi skema, u jwaqqa' s-sejha ghall-offerti li kien hareg.

## 12.0 Hrug ta` Offerta tal-Gabbana tac-Centru Rikreattiv Re Gorg V

12.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien wasal biex johrog it-tender ghall-gabbana tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V.

12.2 Il-Vici Sindku qal li kien wasal iz-zmien biex il-Kunsill jindirizza l-problema tar-registrazzjoni ta' sid il-gabbana.

12.3 Il-Vici Sindku saqsa jekk il-Kunsill jistax jitlob lill-individwu li fuqu qieghed irregistrat il-permess sabiex jghaddi l-permess lill-Kunsill. F'kaz li hu jirrifjuta, huwa ppropona li l-Kunsill jitlob li l-permess jigi rtirat u li l-Kunsill iressaq applikazzjoni gdida.

12.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li jekk il-Kunsill jerga' jaghti l-kuntratt lil xi hadd gdid, ser ikunu qed jippostponi l-problema bi tliet snin ohra. Ghalhekk huwa qal li l-problema ghandha tigi ttrattata issa.

12.5 Is-Sindku ppropona li s-sejha tohrog xahar iehor sakemm il-Kunsill ikollu risposta fuq l-Avukat tal-Kunsill u jkun jista' jiehu parir legali.

12.6 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li fl-ahhar offerta, kienet inqalghet problema ohra minhabba xi dizgwid li kien hemm bejn dan il-kuntrattur u ta' qablu u li minhabba f'hekk, il-kuntrattur prezenti kien beda' jopera xi ftit tard, ghaldaqstant fl-offerta il-gdida il-Kunsill ghandu jaghmel cut off date fejn il-kuntratt jirristringi lill-kuntrattur li jibda' meta jibda', il-kuntratt jispicca f'data partikolari.

12.7 Is-Sindku saqsa meta ser ikun hemm decizjoni dwar l-appell tat-tender ghall-avukat u dan minhabba li dan id-dewmien kien qed jikkawza diversi problemi lill-Kunsill fejn jidhlu materji legali.

12.8 Matul id-diskussjoni gie irrimarkat fuq min kienet ser tigi rregistrata l-gabbana minhabba

li din trid tkun irregistrata fuq individwu.

12.9 Il-Kunsill qabel li ghandu jistenna sal-laqgha li jmiss sabiex ikun jista' jintalab parir legali dwar x'jista' jsir.

## 13.0 Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

13.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li kien gie nformat minn Chris Micallef li jista' jaghti l-kaz li ma jlehhaqx jaghmel iz-zewg irdieden f'isem il-Floriana li kien ftiehem mal-Kunsill. Is-Sindku qal li s-Sur Micallef kellu jinforma lill-Kunsill iktar tard jekk kienx ser ilehhaq jaghmilhom.

13.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien wasal iz-zmien li l-Kunsill johrog sejha ghall-offerti ghal kiri ta' crash barriers. Il-Kunsill qabel li ghandu johrog din l-offerta' fejn jindika li l-minimu ta' crash barriers li ser jigu ordnati kien dak ta' mitt barrier filwaqt li l-massimu m'ghandux jeccedi 400 barrier.

13.3 Is-Sindku Nigel Holland semma wkoll li trid tinhareg is-sejha ghall-offerti ghall-provvista tad-dawl u s-sawnd. Il-Kunsill qabel li ghandu johrog l-istess tender li hareg is-sena l-ohra.

13.4 Fir-rigward tas-sejha ghall-offerti ghall-esklussivita' ta' bejgh t'ikel u xorb, il-Kunsill qabel li ghandu johrog l-istess tender li nhareg is-sena l-ohra.

13.5 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-ispiza totali tal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat ghandha tonqos bi €3000.

## 14.0 *White paper* dwar is-Sistema tal-Gwardjani Lokali

14.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal-laqgha li nzammet dakinhar stess mal-Kap tal-Oppozizzjoni. Huwa qal li matul din il-laqgha kien issemma dan il-punt u saret diskussjoni interessanti.

14.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu kien qara l-white paper kollha izda jhoss li din ma kinietx taghti bizzejjed dettalji ta' kif ser topera s-sistema l-gdida u ghalhekk ma jhossx li jista' jaghti l-opinjoni tieghu qabel ma jkun attenda wahda mil-laqghat.

14.3 Is-Sindku Nigel Holland informa li kienu ser isiru tliet laqghat f'Malta dwar din il-white paper u qal ukoll li l-Kunsill huwa mitlub jaghti l-opinjonijiet tieghu sad-deadline ipprovduta.

## 15.0 Fanali fil-masgar ta' Pjazza Emanuel S. Tonna

15.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien qed jigi avvicinat minn diversi residenti li jilmentaw rigward il-fanali fil-masgar ta' Pjazza Emanuel S. Tonna li ta' sikwit ikunu mitfijin.

15.2 Is-Sindku Nigel Holland ghalhekk ippropona li l-Kunsill japplika mal-Enemalta sabiex jitqabbdu l-fanali.

15.3 Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni ghall-fatt li l-meter kien ser jammonta ghall-hafna minhabba id-depozitu li jrid jinhareg l-ispejjez tal-applikazzjoni kif ukoll id-distribution box li trid issir.

15.4 Is-Segretarju Ezekuttiv semma wkoll il-problema li hemm fid-dawl tal-progett tal-fossa fejn anke hemm hemm bzonn li jigi installat meter.

15.5 Is-Segretarju Ezekuttiv ghalhekk ippropona li l-Kunsill jitkellem mal-Malta Scouts Association u jitlobhom permess sabiex dawn il-fanali jitqabbdu mal-meter taghhom. Huwa kompla jghid li ovvjament jigi installat sub meter sabiex il-Kunsill ikun jista' jhallas lill-Malta Scouts Assocation tal-konsum ta' dawn il-fanali. Il-Kunsill qabel li ghalissa ghandu jipprocedi b'dan il-mod.

15.6 Is-Sindku Nigel Holland gibed l-attenzjoni ghall-fatt li l-Kunsill ghandu jahdem iktar fuq sponsorships jekk irid li jtaffi s-sitwazzjoni finanzjarja tieghu. Huwa semma li s-Sur John Portelli mill-VISET kien ilu hafna jipproponi li jaghmlu xi haga ghal-lokalita' u ghalhekk is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jissuggerixxi lill-Valletta Waterfront sabiex jaghmlu mudell tal-lokalita' ta' Floriana. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**Nota: 20:30 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jestendi l-laqgha b'siegha.**

## 16.0 Dawl mal-faccata ta' Dar il-Kunsill Lokali Floriana

16.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li kien minghalih li kienu nxtraw floodlights ikbar izda dawn baqghu qatt ma twahhlu.

16.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ghal dan ix-xoghol kien hemm bzonn li jitqabbad Inginier kif ukoll li tinqala parti mill-bankina tal-porfido biex dawn jitwahhlu. Huwa gibed l-attenzjoni ghall-fatt li din kienet ser tkun spiza u li l-Kunsill ma kellux biex ihallas iktar kontijiet.

16.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qal ukoll li l-floodlights prezenti ma kienux qed jixghelu minhabba li kien qed jidhol l-ilma tax-xita fihom u ifaqqaw is-salvavita'.

16.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jkellem lill-Inginier precedenti fuq dawn il-materji.

## 17.0 Fanali Ornamentali fi Pjazza San Publju

17.1 Il-Vici Sindku fetah id-diskussjoni billi qal li l-Kunsill kellu jikteb lill-Ministru Karmenu Vella. Huwa ppropona li fl-istess ittra, il-Kunsill jitlob laqgha sabiex jitkellem mal-Ministru dwar l-Isle of MTV.

17.2 Is-Sindku Nigel Holland informa li kien gie avvicinat minn individwu li kien ghamel pjanta ghad-dawl tal-Fosos minhabba li jhoss li din il-pjazza kien jixirqilha dawl mill-isbah. Il-Vici Sindku Matthew Paris gibed l-attenzjoni ghall-fatt li l-Fosos ma kienx tal-Kunsill. Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Kunsill kellu bzonn jara x'jista' jsir.

## 18.0 Fondi mill-Unjoni Ewropeja

18.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien qara l-pubblikazzjoni li harget mill-MEUSAC fejn gew imsemmija l-fondi li kien hemm disponibbli ghall-kunsilli lokali.

18.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li tintalab laqgha mas-Sur Kurt Formosa li huwa responsabbli mill-Kunsilli. Il-Kunsill approva.

18.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien tajjeb li l-Kunsill jipprova jikseb iktar fondi.

18.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-fondi ma kienux biss ghal progetti infrastrutturali izda jistghu isiru progetti ohra bhal perezempju jittiehed stock ta' bini li hemm fil-lokalita', ecc.

18.5 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jutilizza is-servizzi ta entitajiet li tkun kapaci jiehdu hsieb fondi tal-EU, li jinformaw lill-Kunsill bil-fondi li hemm disponibbli u jressqu l-applikazzjonijiet huma. Il-Kunsill qabel li ghandu jindaga iktar fuq dawn is-servizzi. Madankollu is-Segretarju gibed l-attenzjoni li l-ispejjez ta` dawn jistaw jaqbzu it-tresholds tal-ligi.

## 19.0 Monument ta` Ferrovija

19.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li Dr Philip Agius kien qallu li l-Kunsill kien ikkommetta ruhu mieghu xi ghaxar snin ilu sabiex il-progett isir minnu, madankollu il-Kunsill m'ghandu l-ebda rabta.

19.2 Is-Sindku qal li kien informa lis-Sur Stefan Zrinzo rigward l-applikazzjoni tal-Kunsill u ssugerielu li jiddiskutiha fil-Floriana and Valletta Rehabilitation Committee.

19.3 Is-Sindku qal ukoll li dan il-progett ghalkemm wiehed interessanti, kien wiehed ambizzjuz li kien ser jammonta ghal madwar €98,000. Is-Sindku kompla billi qal li anke jekk il-Kunsill japplika ghal xi fondi, xorta wahda jkollu bzonn li johrog l-ispiza totali hu qabel ma jigi rimborsat ghalihom.

## 20.0 Fosos *Hall of Fame*

20.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill tliet individwi biex ikunu parti mill-Kumitat li huma: Franco Navarro, Ray Debono Roberts u Henry Frendo (bhala Chairperson).

20.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-idea hi li dan il-kumitat johrog bi hmistax-il avveniment jew personagg li sehh/ha sehem fuq il-Fosos u wara jitressqu lir-residenti sabiex jintaghzlu ammont iehor.

20.3 Il-Kunsillier Vincent Borg semma li fin-1974, ir-Redentur tal-Isla kien ingieb fuq il-Fosos u ppropona li dan ikun wiehed mill-avvenimenti li jigu kkunsidrati.

## 21.0 St Patrick's Day

21.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li peress li St Patrick's Day kien ser jahbat it-Tnejn, hu kien qed jipproponi li l-attivita' ssir il-Hadd.

21.2 Is-Sindku kompla billi qal li l-Floriana Ajax kienu qed jghinu hafna u jissuggerixxu diversi ideat.

21.3 Is-Sindku qal ukoll li s'issa kien gie deciz li l-biljetti jkunu ta' €7-il wiehed u li bihom wiehed jiehu tazza Guinness kif ukoll skutella Irish stew.

21.4 Is-Sindku semma wkoll li ser ikun hemm parata li tibda' minn fuq is-sur.

21.5 Is-Sindku qal ukoll li jittama li l-attivita' tkun wahda ta' success bhalma kienet is-sena l-ohra fejn in-nies kienu hadu hafna pjacir.

## 22.0 Parkeggi

22.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-materja tal-parkeggi u qal li kien inaccettabli mill-Perit Simon Darmanin li sostna li Audrey Testaferrata De Noto kienet qaltlu li Harper Lane ma kinietx triq residenzjali.

22.2 Is-Sindku qal li f'din it-triq kienu joqghodu n-nies u ghalhekk ippropona li l-Kunsill imexxi kif kien gie deciz precedentement.

22.3 Is-Sindku ghamel riferenza ghall-ilment tas-Sinjura Antoinette Vassallo, Chairperson tal-Awtorita tad-Djar, li kienet ilmentat rigwqard it-tnehhija tar-reserved parking bay minn quddiem l-Awtorita' tad-Djar minhabba li mill-Awtorita' jingabru l-flus bil-cash vans. Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk l-Awtorita' tad-Djar kinietx intitolata ghal reserved parking bay skont il-linji gwida ta' Transport Malta.

22.4 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li normalment issir Keep Clear bay u anke titwahhal tabella tal-hinijiet li l-ispazju ta' parkegg irid jithalla vojt.

22.5 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li jekk dawn m'humiex qeghdin fil-linji gwida, il-Kunsill ghandu jiehu hsieb li dan il-parkegg riservat jitnehha.

22.6 Is-Sindku semma wkoll il-parkegg riservat li hemm quddiem l-Unjoni Haddiema Maghqudin u ppropona li din ukoll ghandha titnehha jekk mhux qieghed fil-linji gwida.

22.7 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien ser jivverifika mal-linji gwida u jinforma lill-kunsillieri permezz ta' Memo Interna.

22.8 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill bil-kwistjoni li qamet rigward il-Caritas fejn is-Sra Audrey Testaferrata de Noto kienet ikkonfermatilha li dawn ma kienux intitolati ghal reserved parking bay skont il-linji gwida u f'kaz li l-Kunsill xtaq jintitola lill-Caritas ghall-parkegg riservat, ghandu jressaq l-applikazzjoni lil Transport Malta.

**Nota: 20:45 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 23.0 Bankini u Asfaltar Balzunetta

23.1 Is-Sindku saqsa f'hiex kien wasal ix-xoghol fuq il-bankini ta' Balzunetta u saqsa jekk il-materjal zejjed kienx tnehha kollu.

23.2 Il-Vici Sindku wiegeb fil-pozittiv u qal li l-iskart kien tnehha kollu.

23.3 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk kinietx saret l-irhama tar-residenta li tkissret wat ix-xoghol. Il-Vici Sindku Matthew Paris ikkonferma.

23.4 Is-Sindku Nigel Holland saqsa x'kienet is-sitwazzjoni ta' pagamenti dovuti lill-kuntrattur Dion Galea. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ta' dan l-ahhar xoghol, il-kuntrattur kien ghadu ma thallasx. Is-Sindku Nigel Holland ippropona li hu jitkellem mal-kuntrattur u jistaqsih hux lest ikompli x-xoghol minkejja li ser idum ma jithallas.

23.5 Il-Kunsillier Vincent Borg fakkar li jridu jsiru wkoll il-bollards

**Nota: 20:45 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 24.0 Jum il-Floriana

24.1 Is-Sindku Nigel Holland fakkar li l-personaggi li jigu nnominati ghandhom ikunu nies li ghamlu xoghol fuq livell nazzjonali.

24.2 Is-Sindku kompla billi qal li kien qed jahdem biex isib politiku iehor li jista' jigi nnominat ghal dan il-premju. Huwa qal li ghandu jinforma lill-Kunsill bil-proposta wara li jkun ivverifika.

## 25.0 Isle of MTV

25.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi qal li kien gie nformat rigward laqgha dwar l-Isle of MTV ftit minuti biss qabel. Huwa qal li jkun tajjeb li l-Kunsilliera jkunu nformati qabel sabiex ikunu jistghu jattendu.

25.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien veru li l-informazzjoni kienet harget tard izda kienu hafna l-laqghat li ghalihom ikunu gew informati l-kunsillieri fi zmien adattat u xorta wahda ma jattendi hadd.

25.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li kienet intbaghtet is-siteplan mill-MTA ghall-kuncert ta' din is-sena. Huwa ppropona li l-Kunsill jaqta' z-zona ta' quddiem il-Floriana FC minhabba li sena wara sena, tqum il-problema li jigu armati l-bars quddiem il-Floriana FC. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**Nota: 21:05 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

25.4 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu jhoss li ghandha tizdied iz-zona ~~tal-esklussivita' u dan biex ikun jista' isir iktar tindif.~~ Il-Vici Sindku qal li hu ma jaqbilx anzi jhoss li z-zona tal-esklussivita' ghandha tonqos.
li tiġi mnaddfa mill-organizzaturi

25.5 Il-Kunsillier Vincent Borg talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jibghatlu kopja tas-siteplan.

25.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jghaddilu kopja tal-kundizzjonijiet tal-Kunsill li jinghataw lill-kiosks fl-Isle of MTV minhabba li xtaq li tigi mizjuda kundizzjoni gdida fejn il-kiosks ikunu obbligati jgibu mobile toilet.

## 26.0 Aġġornament tal-laqgħa

26.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tnejn 17 ta' Marzu 2014 fil-5.30pm.

Il-laqgha ntemmet fid-21.15.

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv